

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14466/23

PECHE 466

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 597 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 597 final.

Mehmuż: COM(2023) 597 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.10.2023  
COM(2023) 597 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika  
dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96**

## 1 SFOND

Il-Kummissjoni Ewropea (il-Eurostat) tiġbor l-istatistika dwar l-akkwakultura skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. L-Artikolu 11 tar-Regolament jiddikjara li kull 3 snin, il-Kummissjoni trid tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-kwalità u r-rilevanza tal-istatistika miġbura. Ir-rapport irid janalizza wkoll il-kosteffettività tas-sistema tal-ġbir tad-*data* u jenfasizza l-aħjar prattiki li bihom jista' jitnaqqas ix-xogħol għall-Istati Membri u li jwasslu għal *data* aktar utli u ta' kwalità oġhla.

Ir-Regolament japplika għall-Istati Membri kif ukoll għan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein (rilevanza għaż-ŻEE). Il-Lussemburgu u l-Liechtenstein ma għandhomx produzzjoni tal-akkwakultura kummerċjali u għalhekk huma eżentati mill-obbligu tar-rapportar tad-*data*. Il-pajjiżi kandidati jipproduċu wkoll l-istatistika u jippreżentaw ir-rapporti dwar il-kwalità (il-pajjiżi kandidati kollha bagħtu d-*data* u r-rapporti dwar il-kwalità għas-sena ta' referenza 2021).

Dan ir-rapport huwa bbażat primarjament fuq ir-rapporti dwar il-kwalità tal-akkwakultura ppreżentati mill-pajjiżi rapportaturi msemmija hawn fuq. Il-Eurostat analizza wkoll id-*data* dwar l-akkwakultura għall-2019-2020. Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika pprovdiet informazzjoni dwar il-kostijiet totali tal-ġbir tad-*data*. B'risultat ta' dan, dan ir-rapport jivvaluta t-tempestività, il-kompletezza, il-konsistenza, ir-rilevanza, l-aċċessibilità, u ċ-ċarezza tad-*data* b'mod ġenerali. Jagħti wkoll ħarsa lejn il-piż u l-kosteffettività tal-proċess tal-ġbir tad-*data*.

Il-Kummissjoni adottat ir-rapporti tal-evalwazzjonijiet preċedenti dwar l-istatistika tal-akkwakultura ppreżentati skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 f'Ġunju 2015<sup>2</sup> (għad-*data* tal-2011-2013), f'Diċembru 2017<sup>3</sup> (għad-*data* tal-2014-2015) u f'Diċembru 2020<sup>4</sup> (għad-*data* tal-2016-2018). Dan ir-rapport ikopri d-*data* għall-2019-2020, ir-rapporti dwar il-kwalità għall-2021, u l-kostijiet iddikjarati għall-2022.

## 2 SEJBIET EWLENIN

Il-Eurostat huwa impenjat biex itejjeb kontinwament il-kwalità u d-disponibilità tal-istatistika Ewropea. Impenjat ukoll li jnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti li jipproduċu l-istatistika.

Il-Eurostat jiġbor rapporti annwali rigward il-kwalità tal-istatistika dwar l-akkwakultura. Dawn ir-rapporti dwar il-kwalità jiddeskrivu l-metodi u l-aspetti tal-kwalità tal-ġbir tad-*data* abbażi tal-awtovalutazzjonijiet mill-pajjiżi. Il-Eurostat uża r-rapporti dwar il-kwalità nazzjonali biex jikkompila rapport dwar il-kwalità fil-livell tal-UE<sup>5</sup>. Il-kwalità ġenerali hija tajba, peress li l-biċċa

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96; COM(2015) 297 final.

<sup>3</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96; COM(2017) 747 final.

<sup>4</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96; COM(2020) 809 final.

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/EN/fish\\_aq\\_esqrs.htm](https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/EN/fish_aq_esqrs.htm). Disponibbli biss bl-Ingliż.

l-kbira tal-pajjiżi jsegwu approċċ ta' ċensiment, u n-nuqqas ta' rispons huwa ineżistenti jew inkella insinifikanti.

F'aktar minn nofs il-pajjiżi hemm fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tal-kwalità. Il-kwalità ġenerali tal-istatistika dwar l-akkwakultura tgiebet f'seba' pajjiżi mill-aħħar rapportar. Il-biċċa l-kbira tat-titjib kellu x'jaqsam mat-tempestività (11-il pajjiż), segwita mill-akkuratezza u l-affidabbiltà (tmien pajjiżi). Ir-rilevanza tgiebet f'erba' pajjiżi, il-komparabbiltà fi tlieta, u l-koerenza fi tnejn.

## 2.1 Tempestività u puntwalità

F'dawn l-aħħar snin, il-maġġoranza tal-Istati Membri ssodisfaw id-dati tal-iskadenza għall-preżentazzjoni tad-*data*. Il-valutazzjoni tal-konformità għall-istatistika dwar l-akkwakultura għas-snin ta' referenza 2019 u 2020 tqabblat ma' dik tas-snin preċedenti. Meta mqabbel mal-ġbir tad-*data* għas-sena ta' referenza 2018, il-livell ta' puntwalità tgieb kemxejn fl-2019 u fl-2020. Madankollu, xi pajjiżi għadhom qed jibagħtu r-rapporti dwar il-kwalità wara l-iskadenza.

Meta l-Eurostat identifika l-inkonsistenzi, il-pajjiżi rapportaturi ntalbu jivverifikaw id-*data* u jippreżentaw reviżjonijiet ikkoreġuti. Il-feedback u r-reviżjonijiet fil-maġġoranza tagħhom intbagħtu f'perjodu ta' żmien xieraq. Diversi tfakkiriet kienu meħtieġa biss fi ftit każijiet. Mil-lat tad-disponibbiltà, l-għadd ta' settijiet ta' *data* nieqsa huwa relattivament stabbli. Importanti wkoll li jiġi enfasizzat li saru sforzi sinifikanti mill-pajjiżi rapportaturi u mill-Eurostat biex tkompli tittejjeb il-kwalità tad-*data*.

## 2.2 Koerenza u komparabbiltà

### 2.2.1 Koerenza

L-istatistika dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura hija bbażata fuq kunċetti u definizzjonijiet stabbiliti mill-Grupp ta' Ħidma għall-Koordinazzjoni dwar l-Istatistika tas-Sajd (CWP) u għalhekk hija koerenti kemm mal-istatistika prodotta mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-NU kif ukoll ma' statistika internazzjonali oħra dwar l-akkwakultura.

### 2.2.2 Komparabbiltà

F'Ottubru 2018, il-Eurostat ippubblika manwal għall-istatistika dwar l-akkwakultura<sup>6</sup>, li kompli jtejjeb il-konsistenza, u għalhekk il-komparabbiltà, tad-*data* bejn il-pajjiżi. Il-Eurostat qed jikkunsidra l-possibbiltà ta' aġġornament ulterjuri tal-manwal iżda jeħtieġ li jevalwa bir-reqqa l-proporzjon kostijiet-benefiċċji ta' din l-azzjoni peress li l-leġiżlazzjoni l-ġdida probabbilment se tkun teħtieġ abbozzar mill-ġdid tal-manwal.

It-tul tas-sensiela kronoloġika, u għalhekk il-komparabbiltà maż-żmien, ivarja bejn il-pajjiżi. Dwar il-komparabbiltà ġeografika, għal xi pajjiżi, is-sensiela kronoloġika tmur lura għall-1970, filwaqt li pajjiżi oħrajn bdew biss fl-2011. Madankollu, għall-perjodu kopert minn dan ir-rapport, id-*data* hija komparabbli fuq tul ta' żmien.

Kien hemm tħassib serju dwar il-komparabbiltà tad-*data* fis-sett tad-*data* dwar l-istruttura tas-settur tal-akkwakultura, minħabba li l-unitajiet ta' rapportar huma kemm uċuħ kif ukoll volumi skont it-tip ta' speċi. Minħabba dan, is-sett tad-*data* jipprovdi lill-utenti b'informazzjoni ambigwa, b'mod partikolari għal finijiet tat-tqabbil tad-*data* minn pajjiżi li jkabbbru speċijiet differenti.

---

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/Annexes/fish\\_aq\\_esms\\_an2.pdf](https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/Annexes/fish_aq_esms_an2.pdf). Disponibbli biss bl-Ingliż.

Il-Eurostat qed jipprova li jsib soluzzjoni vijabbli għal din il-kwistjoni fir-regolament futur propost (ara l-Kapitolu 4).

## 2.3 Rilevanza

### 2.3.1 *Ħtiġijiet tal-utenti*

L-istatistika dwar l-akkwakultura tintuża ħafna minn diversi utenti tad-*data*. Din tiffirma l-bażi għal għabriet ta' *data* oħra<sup>7</sup>, u b'mod partikolari għall-akkwakultura tal-ilma ħelu, fejn ma jinġabar u ma jiġi ppubblikat l-ebda sett tad-*data* ieħor fil-livell tal-UE.

Id-*data* miġbura permezz tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 hi essenzjali biex it-fassil tal-politika jkun infurmat u bbażat fuq l-evidenza, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Id-*data* dwar il-livelli tal-produzzjoni u x-xejriet hija importanti għall-analiżi tal-iżvilupp tas-settur tal-akkwakultura bħala parti mill-politika komuni tas-sajd. Id-*data* kwantitattiva hija ċentrali fit-fassil tal-pjanijiet nazzjonali pluriennali għall-akkwakultura sostenibbli tal-Istati Membri. Dawk li jfasslu l-politika u l-industrija b'hekk ikollhom bażi soda fuq xiex jibnu l-ġejjieni tas-settur. Barra minn hekk, id-*data* hija sors importanti għall-pubblikazzjonijiet u għas-servizzi ta' organizzazzjonijiet oħra. Pereżempju, l-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura juża statistika Ewropea dwar l-akkwakultura biex iħejji l-analiżi strutturali tiegħu tal-industrija tas-sajd u tal-akkwakultura Ewropea. L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ tuża wkoll l-istatistika Ewropea dwar l-akkwakultura għar-rieżami tal-politika kummerċjali tagħha.

Fil-feedback, kważi l-Istati Membri kollha kkonfermaw ukoll il-ħtieġa għal *data* dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura fil-livell nazzjonali. Il-maġġoranza tal-Istati Membri ddikjaraw li l-ħtiġijiet tad-*data* nazzjonali ntlaħqu bis-sħiħ jew kważi permezz tad-*data* miġbura skont ir-Regolament. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 ma jkoprix id-*data* importanti dwar l-input tal-mikroalgi, l-għalf u l-frieħ tal-ħut, u d-destinazzjonijiet tal-prodotti. B'kuntrast għal dan, xi Stati Membri semmew li l-għbir tad-*data* huwa dettaljat iżżejjed u ta' piż għall-ħtiġijiet nazzjonali. Minkejja r-rilevanza tal-istatistika dwar l-akkwakultura, l-evalwazzjoni tal-istatistika tas-sajd ikkonfermat ukoll livell oġhla ta' nuqqas ta' sodisfazzjon tal-utenti minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tad-*data* kkawżat mill-kunfidenzjalità tad-*data*.

### 2.3.2 *Kompletezza*

Is-sett tad-*data* prinċipali dwar l-akkwakultura (il-produzzjoni mill-akkwakultura) kien relattivament komplut. Matul iż-żmien sar aktar komplut. Sfortunatament, ħafna valuri jibqgħu kunfidenzjali peress li s-settur huwa speċjalizzat ħafna.

Is-sett tad-*data* dwar l-istruttura tas-settur tal-akkwakultura jinġabar kull 3 snin, iżda għandu kwistjonijiet ta' komparabbiltà (ara l-Kapitolu 2.2.2 hawn fuq). Għal din ir-raġuni, is-sett tad-*data* għadu ma ġiex ipubblikat.

B'mod ġenerali, il-prezzijiet tal-unità ħolqu diffikultajiet għas-settijiet tad-*data* kollha dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura. Dan marbut prinċipalment mal-valuri ta' kunfidenzjalità u mal-metodoloġiji differenti applikati mill-pajjiżi rapportaturi, li spiss jirrapportaw valuri stmati.

---

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/909 tat-18 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi l-lista ta' sħarriġiet obbligatorji tar-riċerka u l-limiti għall-għanijiet tal-programm multiannwali tal-Unjoni għall-għbir u l-ġestjoni tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 145, 4.6.2019, p. 21).

## 2.4 Aċċessibbiltà u ċarezza

### 2.4.1 Bażi tad-data online

Il-bażi tad-data pubblika tal-Eurostat<sup>8</sup> tipprovdi l-istatistika Ewropea dwar l-akkwakultura bis-settijiet tad-data li ġejjin:

- produzzjoni mill-akkwakultura ħlief l-imfaqas u n-nurseries (fish\_aq2a);
- produzzjoni mill-akkwakultura tal-bajd tal-ħut għall-konsum mill-bniedem (fish\_aq2b);
- input għall-akkwakultura msejjes fuq il-qbid (fish\_aq3);
- produzzjoni tal-imfaqas u tan-nurseries fl-istadju tal-bajd fiċ-ċiklu tal-ħajja (fish\_aq4a);
- produzzjoni tal-imfaqas u tan-nurseries fl-istadju tal-ferħ tal-ħut fiċ-ċiklu tal-ħajja (fish\_aq4b).

Barra minn hekk, nofs l-Istati Membri jippubblikaw id-data fil-bażi tad-data nazzjonali online jew bħala tabelli annwali li jistgħu jitniżżlu. L-aċċess għal dawn il-prodotti huwa dejjem mingħajr ħlas.

### 2.4.2 Pubblikazzjonijiet u tabelli tad-data

L-Eurostat jippubblika data u artikoli dwar l-akkwakultura fil-ġabra online tiegħu bl-isem ta' "Statistics Explained" u f'kotba tal-istatistika<sup>9</sup>.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jippubblikaw l-istatistika dwar l-akkwakultura b'mod regolari f'diversi rapporti, f'xi każijiet flimkien ma' stqarrijiet għall-istampa.

### 2.4.3 Metadata

Il-Eurostat jiġbor rapporti nazzjonali dwar il-kwalità kull sena, kif meħtieġ skont l-Anness 6 tar-Regolament (KE) Nru 762/2008. Dawn ir-rapporti fihom informazzjoni dettaljata dwar il-kwalità tad-data u dwar il-metodi użati fil-ġbir tad-data.

Il-metadata ta' referenza Ewropea, inkluż rapport dwar il-kwalità fuq livell tal-UE tal-istatistika dwar l-akkwakultura<sup>10</sup>, hi ppubblikata fil-bażi tad-data tal-Eurostat aċċessibbli għall-pubbliku bit-tabelli tad-data elenkati hawn fuq. Il-pajjiżi jirrieżaminaw il-metadata kull sena.

## 2.5 Kunfidenzjalità tad-data

Nuqqas kbir fl-istatistika dwar l-akkwakultura miġbura skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 huwa l-għadd kbir ta' ċelloli tad-data kunfidenzjali. Hemm tliet raġunijiet prinċipali għal dan. L-ewwel nett, ir-Regolament jitlob struttura ta' data dettaljata, li mbagħad twassal għal data frammentata. It-tieni, is-settur tal-akkwakultura huwa speċjalizzat ħafna, peress li hemm kumpaniji li jkabbru ftit speċijiet b'metodu jew ambjent wieħed ewlieni ta' produzzjoni. It-tielet, il-Eurostat japplika regola stretta għall-propagazzjoni tal-kunfidenzjalità meta jikkalkula l-aggregati (aggregat huwa kunfidenzjali jekk mill-inqas valur wieħed minn daww li jikkomponuh

<sup>8</sup> <http://ec.europa.eu/eurostat/data/database>.

<sup>9</sup> L-aktar reċenti hija "Key figures on the European food chain – edizzjoni 2022", ISBN 978-92-76- 59661-5. <https://ec.europa.eu/eurostat/documents/15216629/15559935/KS-FK-22-001-EN-N.pdf/1cb9d295-6868-70e3-0319-4725040cfdb8?version=3.0&t=1670599965263>. Disponibbli biss bl-Ingliż.

<sup>10</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/EN/fish\\_aq\\_esqrs.htm](https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/EN/fish_aq_esqrs.htm)

ikun kunfidenzjali). Il-pajjiżi rapportaturi indikaw li dan l-approċċ jipproteġi l-kunfidenzjalità iżda jillimita b'mod eċċessiv il-pubblikazzjoni tad-*data* (speċjalment għall-aggregati).

Il-Eurostat stabbilixxa xi mekkaniżmi speċifiċi biex jipprova jillimita l-impatt tal-kunfidenzjalità għall-aggregati (eż. billi talab lill-pajjiżi rapportaturi biex jiddikjaraw aggregat superjuri mhux kunfidenzjali meta dan ma jesponix *data* kunfidenzjali). Dan ippermetta l-pubblikazzjoni tal-aggregati nazzjonali kollha u t-total tal-UE (is-snin ta' referenza 2019 u 2020) għall-biċċa l-kbira tas-settijiet tad-*data* minbarra “Input għall-akkwakultura msejjes fuq il-qbid ” u “Produzzjoni tal-imfaqas u tan-nurseries fl-istadju tal-frieħ tal-ħut fiċ-ċiklu tal-ħajja ” (għas-sena ta' referenza 2020).

Ta' min jinnota li l-aggregati tal-UE relatati ma' “Produzzjoni mill-akkwakultura ta' bajd tal-ħut għall-konsum mill-bniedem” huma kunfidenzjali għall-2013, l-2015, l-2017 u l-2018 (kien meħtieġ sforz konsiderevoli għall-pubblikazzjoni tal-aggregati tal-UE mill-2019), u li d-*data* kunfidenzjali ta' pajjiż wieħed kienet qed tipprevjeni l-pubblikazzjoni tal-aggregati tal-UE riward l-“input għall-akkwakultura msejjes fuq il-qbid” għal aktar minn 10 snin.

Il-Eurostat u l-Istati Membri investew ħin u sforzi konsiderevoli biex jagħmlu l-akbar ammont possibbli ta' ċifri disponibbli għall-utenti tad-*data*, filwaqt li jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-istatistika u jżommu l-proċess effiċjenti kemm jista' jkun. Soluzzjoni għall-kwistjoni ta' kunfidenzjalità hija tassew meħtieġa. Soluzzjoni possibbli tista' tiddependi fuq id-definizzjoni ta' approċċ alternattiv għall-propogazzjoni tal-kunfidenzjalità fl-aggregati. Il-Eurostat qed jaħdem b'mod attiv biex isolvi din il-kwistjoni u ħoloq grupp ta' esperti ddedikat dwar “karta tal-kunfidenzjalità” magħmul mir-rappreżentanti tal-pajjiżi rapportaturi u minn uffiċjali tal-Eurostat.

### 3 PIŻ U KOSTEFFETTIVITÀ

Il-Eurostat ivvaluta l-kosteffettività tal-ġbir tad-*data* dwar l-akkwakultura skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 bl-użu tar-rapporti dwar il-kwalità għall-2021, flimkien mal-analiżi tal-kostijiet skont il-prodott statistiku mwettqa kull sena mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika. L-analiżi tal-kostijiet kienet ibbażata fuq il-kostijiet għall-2022, li kopriet il-ġbir tad-*data* dwar l-akkwakultura għas-sena ta' referenza 2021. Total ta' 26 pajjiż wieġbu għall-analiżi tal-kostijiet. F'termini monetarji, il-kost medju tal-produzzjoni tal-istatistika dwar l-akkwakultura (inkluż il-ġbir tad-*data*) huwa ta' madwar EUR 103 487 fis-sena għal kull pajjiż. Il-kostijiet irrapportati kemm fl-eżerċizzji ta' rapportar preċedenti kif ukoll f'dawk kurrenti juru tnaqqis ta' 1 % meta mqabbla mal-medja fis-sena ta' referenza 2019. Peress li l-valur tal-akkwakultura Ewropea fil-pajjiżi rapportaturi kien ta' madwar EUR 10 biljun fl-2020, is-sehem tal-kostijiet tal-ġbir tad-*data* fil-valur ekonomiku totali tal-produzzjoni tal-akkwakultura kien ta' madwar 0,03 %.

Total ta' 29 Stat Membru tal-UE u pajjiżi taż-ŻEE ppreżentaw ir-rapporti dwar il-kwalità tal-2021. Il-maġġoranza għandhom leġislazzjoni nazzjonali korrispondenti li tkopri l-istatistika miġbura skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008, u tliet pajjiżi biss irrapportaw differenza fid-definizzjonijiet adottati. Il-pajjiżi rapportaturi jistgħu jiksbu d-*data* minn sorsi multipli, iżda 26 pajjiż jigħbru d-*data* bħala ċensiment u tliet pajjiżi jiksbu s-sett tad-*data* minn sorsi amministrattivi (tmien pajjiż jużaw iż-żewġ approċċi simultanjament). Hemm erba' pajjiżi li jikkomplementaw iċ-ċensiment jew is-sorsi amministrattivi bi stimi esperti u tnejn li jikkomplementaw iċ-ċensiment jew is-sorsi amministrattivi bi stħarriġ kampjunarju. L-ebda wieħed ma rrapporta l-użu ta' sorsi oħra.

Total ta' 19-il pajjiż irrapportaw dwar it-titjib fl-effiċjenza. It-titjib fl-effiċjenza ewlieni kien marbut ma' aktar awtomatizzazzjoni (sitt pajjiżi) u stħarriġ online (sitt pajjiżi), u maż-żieda fl-użu tad-*data* amministrattiva (ħames pajjiżi). Kien hemm tnaqqis fil-piż fi tmien pajjiżi. L-użi multipli tad-*data* u kwestjonarji aktar faċli għall-utent kienu l-aktar tipi komuni ta' miżuri għat-tnaqqis tal-piż.

Mir-rapporti dwar il-kwalità, jidher li aktar minn tliet kwarti tal-pajjiżi jgħbru *d-data* direttament mill-faċilitajiet fil-livell tal-unità tal-produzzjoni, filwaqt li l-pajjiżi l-oħrajn iqabdbu lill-maniġers tal-kumpaniji biex jimlew il-kwestjonarji għall-faċilitajiet kollha tagħhom. Il-għbir tad-*data* fil-livell tal-kumpaniji jiffaċilita r-rappurtar skont ir-Regolament (UE) 2017/1004. L-idea li ż-żewġ regolamenti jiġu koperti b'eżerċizzju wieħed tal-għbir tad-*data* ġiet investigata aktar fl-2022 biex jitnaqqas il-piż ġenerali għall-Istati Membri. Madankollu, il-pajjiżi rapportaturi sabuha utli li jżommu ż-żewġ approċċi distinti, peress li *d-data* mill-“faċilità” tagħmel possibbli viżjoni reġjonali li tintlefa meta wieħed jagħżel livell oġġla ta' aggregazzjoni fil-livell tal-“kumpanija”.

Għadd ta' pajjiżi rapportaturi ssuġġerew titjib biex jitnaqqas il-piż tar-Regolament (KE) Nru 762/2008. Ġew issuġġeriti b'mod partikolari żewġ azzjonijiet ta' titjib: (i) it-titjib tal-koordinazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra, bħad-Direttorat Ġenerali tal-UE għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, b'mod partikolari, il-proċeduri tal-Qafas għall-Ġbir tad-*Data* (DCF); u (ii) it-titjib fis-sinkronizzazzjoni tal-iskadenza. 16-il pajjiż iddikjaraw li qed jimplementaw strateġiji u azzjonijiet biex itejbu l-kwalità tal-għbir tad-*data*, biex iżidu l-akkuratezza, jew biex inaqqsu l-piż fuq l-unitajiet tar-rappurtar.

#### **4 IL-PASSI LI JMISS: IR-RAZZJONALIZZAZZJONI U S-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-ISTATISTIKA EWROPEA DWAR IS-SAJD**

Fl-2018, il-Eurostat nieda l-proġett “Ir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd”. Il-proġett jikkonsisti minn: (i) evalwazzjoni tal-istatistika attwali dwar l-akkwakultura, il-qabdiet u l-ħatt l-art; u (ii) valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet tal-politika futuri u l-leġiżlazzjoni futura possibbli. L-evalwazzjoni, li kopriet ukoll il-funzjonament tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 dwar l-akkwakultura, ġiet konkluzja fl-2019<sup>11</sup>.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd (EFS) tnediet fil-bidu tal-2020: (i) bil-ħolqien ta' grupp interservizz tal-Kummissjoni li jappoġġa lill-Eurostat f'ħidmitu; u (ii) bil-pubblikazzjoni ta' pjan direzzjonali tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu għall-feedback mill-21 ta' April sad-19 ta' Mejju 2020.

L-għażliet ivvalutati kienu:

- Għażla 1: Xenarju ta' referenza: It-tkomplija tal-politika attwali;
- Għażla 2: Il-waqfien tal-EFS;
- Għażla 3: Qafas legali razzjonalizzat ġdid għall-EFS;
- Għażla 4: Bażi legali ġdida għall-akkwakultura u l-kumpilazzjoni ta' statistika oħra dwar is-sajd minn sorsi amministrattivi fil-livell tal-UE.

Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-oġġettivi, l-għażliet possibbli, u l-impatti tal-għażliet fuq il-pjattaforma web tal-Kummissjoni “Semma' Leħnek” mill-20 ta' Lulju sat-23 ta' Novembru 2020<sup>12</sup>, u saret konsultazzjoni tal-esperti parallela dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tad-*data* għas-sajd li damet għaddejja sal-aħħar ta' Awwissu 2020.

L-evalwazzjoni għabret evidenza mill-partijiet ikkonċernati tal-EFS, pereżempju permezz ta' workshop, studji tal-każijiet, intervisti fil-fond, kwestjonarji, u attivitajiet ta' konsultazzjoni oħra. Ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet kollha ġew meqjusa fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt jinkludi taqsimiet dwar varjetà ta' suġġetti, inklużi: (i) id-definizzjoni tal-problema; (ii) l-oġġettivi; (iii) l-għażliet; (iv) l-analiżi u t-tqabbil tal-impatti tal-għażliet; u (v) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt irċeviet opinjoni

<sup>11</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4375784/SWD\\_2019\\_425\\_F1\\_SWD\\_EVALUATION\\_EN\\_V2\\_PI\\_1058634.pdf](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4375784/SWD_2019_425_F1_SWD_EVALUATION_EN_V2_PI_1058634.pdf)

<sup>12</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12344-European-fishery-statistics/public-consultation\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12344-European-fishery-statistics/public-consultation_mt).

pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju, korp konsultattiv indipendenti fi ħdan il-Kummissjoni, u ġiet iffinalizzata f'Novembru 2021. Din se tiġi ppubblikata bil-proposta leġiżlattiva l-ġdida, mistennija għall-2024.

Fid-dawl tal-evalwazzjoni, il-valutazzjoni tal-impatt, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni, u d-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, l-għażla ppreferuta hija b' mod ċar l-għażla 3 – qafas legali razzjonalizzat ġdid għall-EFS. Din l-għażla hija appoġġata mill-utenti ewlenin tad-*data* (DG MARE, l-OECD, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU, l-ICES, u diversi organizzazzjonijiet regionali tal-ġestjoni tas-sajd) flimkien mal-maġġoranza tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika responsabbli għall-istatistika dwar is-sajd.

L-għażla 3 kienet ukoll l-għażla ppreferuta fil-konsultazzjoni pubblika. Dawk li jappoġġaw l-għażla 3 kienu awtoritajiet regionali, awtoritajiet nazzjonali, awtoritajiet internazzjonali, u NGOs. L-għażla 3 kellha l-aktar impatti pożittivi mal-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, kienu biss ftit ir-rispondenti li identifikaw impatti negattivi għall-għażla 3.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tfassal il-qafas legali ġdid propost għall-EFS b'kooperazzjoni mill-qrib mal-utenti tad-*data* u mal-fornituri nazzjonali tad-*data*. Il-Kummissjoni qed tippjana li tadotta l-proposta legali fl-2024.

Għad hemm ineffiċjenzi fil-komunikazzjoni tad-*data* ma' organizzazzjonijiet oħra jew ma' sidien oħra tad-*data* tal-KE (jiġifieri dawk tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU u dawk miġbura skont ir-Regolament (UE) 2017/1004 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 199/2008). Ir-Regolament dwar l-EFS il-ġdid, li issa ġie propost taħt l-isem "Statistika Ewropea dwar is-Sajd u l-Akkwakultura" (EFAS), jista' jkun opportunità għall-aġġustament tal-formati u l-iskadenzi li jippermettu t-trasferiment aktar faċli u l-użu multiplu tad-*data* miġbura.

F'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli" (COM/2022/592)<sup>13</sup>, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dan l-aħħar ħareġ rapport bl-isem "*Biomass production, supply, uses and flows in the EU*"<sup>14</sup> rigward id-*data* dwar l-akkwakultura tal-algi. Ir-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jirrakkomanda: (i) il-valutazzjoni u t-tqabbil tad-*data* tal-Eurostat dwar l-akkwakultura tal-algi ma' sistemi internazzjonali oħra ta' suċċess (eż. dawk taċ-Ċili); u (ii) l-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ għall-ħassada, il-produtturi u l-persunal li jirreġistraw u jipproċessaw din id-*data*, u b'hekk jiżguraw l-identifikazzjoni korretta tal-ispeċijiet. Barra minn hekk, ir-rapport jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa tal-allinjament tas-sistemi nazzjonali madwar l-Ewropa għall-iżguraw tal-armonizzazzjoni (eż. unitajiet tal-kejl, klassifikazzjonijiet tal-ispeċijiet użati, ħinijiet, postijiet), inkluż l-iżvilupp ta' sistema faċli għall-utent biex tirreġistra faċilment il-kwantità ta' algi prodotti mill-ħsad jew mill-akkwakultura.

## 5 KONKLUŻJONIJIET

L-istatistika ppubblikata dwar l-akkwakultura hija sett tad-*data* stabbli b'mijiet ta' tniżżil tad-*data* kull xahar.

Madankollu, l-attivitajiet ta' konsultazzjoni mwettqa bħala parti mill-evalwazzjoni riċenti u mill-valutazzjoni tal-impatt tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd urew li l-istatistika dwar l-akkwakultura għandha ħafna utenti mhux sodisfatti. Dan x'aktarx huwa marbut mal-għadd kbir ta' valuri kunfidenzjali fis-sett tad-*data*, li jagħmilha aktar diffiċli biex jintuża. Iċ-ċelloli kunfidenzjali huma marbuta mad-diżaggregazzjoni dettaljata tar-rekwiżiti tad-*data* stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 762/2008 u mal-istruttura speċjalizzata u kkonċentrata tas-settur tal-akkwakultura.

Meħtieġ ukoll titjib fid-deċiżjoni dwar approċċ vijabbli għad-deskrizzjoni tal-istruttura tas-settur tal-akkwakultura b'*data* komparabbli (ara l-Kapitolu 2.2.2).

<sup>13</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2022:592:FIN>.

<sup>14</sup> <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC132358>.

Ġiet issottolinjata l-ħtieġa tal-appoġġ ta' settur Ewropew tal-algi b'saħħtu u sostenibbli.

Ftit pajjiżi rapportaturi biss għadhom iħabbtu wiċċhom ma' problemi ta' tempestività u puntwalità fil-ġbir u l-forniment tad-*data*. Il-linji gwida tal-Eurostat dwar il-ġbir tad-*data* u strateġiji implimentati oħra għenu biex il-ġbir tad-*data* dwar l-akkwakultura jsir aktar konsistenti.

F'xi pajjiżi, il-piż tal-ġbir tad-*data* naqas f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, ġie osservat titjib fl-effiċjenza li jista' jitkejjel. Is-sehem tal-kostijiet tal-ġbir tad-*data* fil-valur ekonomiku totali tal-produzzjoni tal-akkwakultura kien madwar 0,03 % jew, fi kliem ieħor, pjuttost baxx.